## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH MALLIA) V. CARMEL SCHEMBRI (KI. 294466M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12 ta' Novembru 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Carmel Schembri iben Joseph u Maria nee' Grima, imwieled il-Pietà nhar il-12 ta' April 1966, residenti ġewwa 3, Novembru Rain, Vjal il-Blue Grotto, Żurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 294466M (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiemha taħt arrest fis-seduta tat-23 ta' Frar 2024 mixli illi:

**"b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*)*:**

1. **Nhar id-19 ta' Jannar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs), ikkommetta serq ta' oġġett (JBL Earbuds) liema serq ma jiskorrix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li sar għad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment**

"Homemate" u(jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Nhar l-20 ta' Frar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u nofsinhar (12:00 hrs), ikkommetta serq ta' oġġetti (JBL Earbuds) liema serq ma jiskorrix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li sar għad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment "Homemate" u(jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Nhar il-21 ta' Frar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn id-disgħa ta' filgħodu (9:00hrs) u s-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar (14:30 hrs), ikkommetta serq ta' oġġetti (JBL Earbuds) liema serq ma jiskorrix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li sar għad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment "Homemate" u(jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Nhar it-22 ta' Frar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn in-nofsinhar (12:00 hrs) u s-siegħa u nofs ta' waranofsinhar (13:30 hrs), ikkommetta serq ta' oġġett (Philips Earbuds) liema serq ma jiskorrix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li sar għad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment "Homemate" u(jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Nhar it-22 ta' Frar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn in-nofsinhar (12:00 hrs) u s-siegħa u nofs ta' waranofsinhar (13:30 hrs), ikkommetta serq ta' oġġetti (JBL Earbuds) liema serq ma jiskorrix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li sar għad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment "Homemate" u(jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. **Nhar it-22 ta' Frar 2024 minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Homemate", li jinsab fi Triq l-Imprendituri, Birkirkara u/jew f'partijiet oħra fuq dawn il-Gżejjer Maltin bejn in-nofsinhar (12:00 hrs) u s-siegħa u nofs ta' waranofsinhar (13:30 hrs), volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, ċioe offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' Waqar Khaliq, hekk kif ċertifikat Dr. Francesca Camilleri MD. Reg. 4393 mill-Mosta Health Centre u dan bi ksur tal-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."**

*Bla numru:* **Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr Elaine Mercieca LL.D nhar il-22 ta' Marzu 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.**

rat li l-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala reċediv ai terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali,

rat li l-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens għad-detriment tal-kumpanija 'Homemate' u/jew ta' persuni oħra.

rat li waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2024, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat illi matul l-istess seduta l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat illi matul l-istess seduta, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat illi matul l-istess seduta ġew irritornati numru ta' oġġetti misruqa u kif ukoll is-somma ta' € 380 u rat li deher Waqar Khaliq għal Homemate Co. Ltd illi kkonferma illi l-kumpanija m'għandha ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat issa li ġiet ikkumpensata għad-danni sofferti,

rat illi matul l-istess seduta l-istess Waqar Khaliq fil-vesti tiegħu personali ddikjara illi l-ġrieħi li sofra ma ħallew l-ebda effett fuqu anke ta' natura psikoloġika u li jqishom li kienu ta' importanza żgħira għalkemm iddikjara ukoll illi jixtieq illi l-imputat jiġi impedit milli javviċinah fil-futur,

rat li matul l-istess seduta l-imputat skuża ruħu mal-*parte offiża* għall-akkadut,

rat li matul l-istess seduta, ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qabbdet lid-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza, qabel ma tħaddan xi fehma dwar kemm ikun adatt li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija, sentenza sospiża jew xi miżura oħra permessa mill-liġi skond l-istess Kap. 446,

semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 meta matulha ġie ippreżentat ukoll ir-rapport ta' qabel is-sentenza,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Joseph Mallia
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Ilona Schembri bħala avukat tal-għajnuna legali,

rat in-nota tal-Ispettur Joseph Mallia ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2024 flimkien mal-fedina penali aġġornata tal-imputat u l-kopji tas-sentenza annessi mal-istess nota,

semgħet ix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali,

rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża titratta sensiela ta' serqiet li wettaq l-imputat fuq erbat ijiem konsekuttivi bejn id-19 ta' Jannar 2024 u t-22 ta' Frar 2024 mill-istabbiliment "Homemate" ġewwa Birkirkara, fejn seraq numru ta' oġġetti (*earbuds* tad-ditta JBL u Phillips), kif ukoll ikkommetta offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Waqar Khaliq.

2. Qabel xejn, tajjeb jingħad illi matul is-seduta tat-23 ta' Frar 2024 ġew irritornati lil Homemate Co. Ltd numru ta' oġġetti misruqa u kif ukoll is-somma ta' € 380. Dakinhar stess **Waqar Khaliq** għal Homemate Co. Ltd ikkonferma illi l-kumpanija m'għandha ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat u li ġiet ikkumpensata għad-danni sofferti.

3. Mir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentat minn **Odelsie Vella Bayliss** fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2024[1] jirriżulta illi sa' minn età żgħira l-imputat beda jabbuża mid-droga (droga u kokaina), liema abbuż wasal għal diżgwid ma' missieru (li llum il-ġurnata huwa nieqes) u għal dipendenza finanzjarja fuq ommu sal-ġurnata tal-lum. Minkejja li huwa missier ta' żewġt itfal li illum għandhom 31 u 34 sena rispettivament, l-użu tad-droga baqa' jippersisti b'mod illi wassal għall-isfaxx taż-żwieġ tiegħu u għall-assenza tiegħu mit-trobbija tat-tfal, minkejja li baqa' jgħix fid-dar matrimonjali. Sadanittant, martu u ż-żewġ uliedu marru jgħixu ma' omm l-imputat fir-residenza tagħha għalkemm illum il-ġurnata dawn huma adulti, jgħixu l-ħajja independenti tagħhom u jinsabu fid-dinja tax-xogħol. L-imputat għal xi żmien kien saħansitra introduċa d-droga lil ibnu stess. Preżentement l-imputat huwa sospiż mix-xogħol iżda xorta jirċievi sapport minn ommu u mill-familja tiegħu, inkluż sapport finanzjarju. L-abbuż peristenti tad-droga għalhekk affettwa lill-imputat (u lill-familjari tiegħu) f'diversi oqsma fosthom fil-ħajja personali, finanzjarja, familjari u soċjali tiegħu. Agħar minn hekk, l-imputat spiċċa daħal fil-ħajja tal-kriminalita' b'kawża ta' dan l-abbuż, fejn dar għas-serq sabiex ikun jista' jmantni I-vizzju tiegħu.

4. Mill-istess rapport jirriżulta illi l-imputat mhux biss m'għandu l-ebda kuntatt mal-entitajiet lokali li jaħdmu ma' nies bil-problema tad-droga, iżda inoltre **m'għandu l-ebda interess jew motivazzjoni** li jikseb għajnuna f'dan l-istadju. Mhux ta' b'xejn li fil-fehma tal-uffiċjal tal-*probation,* jekk din il- problema mhijiex ser tiġi indirizzata mill-imputat, ir-riskju li fil-futur jerġa jinvolvi ruħu f'attività kriminali biex imantni I-vizzju tiegħu, jibqa' għoli. L-uffiċjal irrakkomandat illi fiċ-ċirkustanzi m'għandhiex

[1] Fol 44-65

alternattiva oħra ħlief li tirrakkomanda piena karċerarja, bil-għan li l-imputat jkun jista' jaħdem fuq il-problema tad-droga waqt li jkun qed jiskonta din il-piena.

5. Mis-sentenzi (ikkonfermati mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali bħala finali) u mil-fedina penali esebiti, il-Qorti rat illi l-kondotta tal-imputat hija imtappna fis-sens illi *inter alia*:

    1. Fl-**<u>14 ta' Awwissu 2021</u>** huwa kien ġie misjub ħati minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat, illum Imħallef, Natasha Galea Sciberras illi kkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq kien aggravat bil-valur iżda liema ammont ma kienx jeċċedi l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Dakinhar huwa ġie kkundannat għall-piena ta' **<u>sena priġunerija</u>** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għal żmien sentejn. Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, huwa tpoġġa taħt Ordni ta' Superviżjoni, għall-perjodu ta' sentejn.

    2. Fit-**<u>22 ta' Marzu 2022</u>** huwa kien ġie misjub ħati minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Elaine Mercieca illi kkommetta serq ta' 'mobile phone' liema oggett jammonta ghal mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema serq kien ikkwalifikat bil-'persuna', bil-'lok' u bil-'hin', illi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess

droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (Trafficking by sharing), talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mll-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta illi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat (Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta), illi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih (Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta), illi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-parti offiża (Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta) u finalment illi kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. N.Galea Sciberras LL.D. nhar l-14 ta' Awwissu 2021 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Dakinhar huwa ġie kkundannat għall-piena ta' **<u>sentejn priġunerija</u>** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għal żmien erba' snin u ġie ukoll ikkundannat iħallas multa ta' elf euro (€ 1,000) pagabbli f'rati mensili u konsekuttiv ta' € 200 fix-xahar. Sal-lum il-ġurnata qed baqa' bilanċ ta' erba' mitt euro (€ 400) minn din il-multa. Inoltre fl-istess sentenza il-Qorti kienet ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali biddlet l-ordni oriġinali li kienet ingħatat minn din il-Qorti fis-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2021 (fuq imsemmija) bil-

għan li l-perjodu operattiv tagħha jiskadi fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza.

6. Bħala piena, il-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-imputat b'reat kontinwat li jfisser illi l-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel ħames imputazzjonijiet ta' serq sempliċi, li l-imputat qiegħed jinstab ħati tagħhom, bħala reat wieħed. F'dan il-każ, il-piena li eskluż l-applikazzjoni tal-awment minħabba r-reċidivita', hija dik ta' bejn xahar u sitt (6) xhur priġunerija tista' ai termini tal-Art. 18 tal-Kap. 9 tiżdied minn grad (**<u>xahrejn sa' disa' xhur priġunerija</u>**) sa żewġ gradi (**<u>ħames xhur sa' sena priġunerija</u>**).

7. Fir-rigward tal-imputazzjoni numru sitta (6), tenut kont id-dikjarazzjoni li saret fl-atti mill-parti offiża fis-sens illi l-offiża ħafifa li saret fuq il-persuna tiegħu kienet ta' importanza żgħira (inkluż mill-aspett morali) u stante illi l-offiża ma saritx b' xi wieħed mill-mezzi msemma fl-Art. 217 tal-Kap. 9 u lanqas fuq xi waħda mill-persuni msemmijin fl-Art. 222(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 9, għandu japplika l-Art. 221(3) tal-istess Kap. 9 li jfisser li l-piena applikabbli hija dik tal-kontravvenzjonijiet.

8. Fir-rigward tal-imputazzjoni tar-reċidiva, is-sentenzi li ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni huma t-tnejn fuq imsemmija, ossia' **<u>14 ta' Awwissu 2021</u>** u tat-**<u>22 ta' Marzu 2022</u>** li ngħataw minn din il-Qorti diversement presjeduta. Issa għalkemm m'hemmx dubbju li għall-finijiet tal-Art. 49 tal-Kap. 9, l-imputat huwa reċidiv, mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-awment fil-piena għall-finijiet tal-Art. 50 tal-Kap. 9. Dan jingħad għaliex filwaqt li ġie ikkonfermat mir-Reġistratur illi s-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2021 ma ġietx appellata u ma kienx hemm multi li ġew imposti fiha, min-naħa l-oħra s-sentenza tat-22 ta' Marzu 2022 għalkemm ma ġietx appellata, kienet tinkludi multa ta' elf euro li minnha għad baqa' bilanċ ta' erba' mitt euro. Dan ifisser illi dik il-piena għadha ma ġietx "skontata" ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija v. Anthony Said</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali, Prim Imħallef Emeritu Silvio Camilleri, 10/07/2015) fejn ingħad is-segwenti:

"Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidivita' kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li ttermini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun ġiet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa lawment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa."

Għalhekk huwa biss fir-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2021 li din il-Qorti **<u>tista'</u>** tapplika awment fil-piena ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9.

9. Fir-rigward tal-imputazzjoni bla numru u ċioe illi l-imputat ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr Elaine Mercieca LL.D nhar il-22 ta' Marzu 2022, il-Qorti tqis illi kif ingħad iżjed 'l fuq l-imputat kellu żewġ sentenzi sospiżi:

    1. Dik ta' **<u>sena priġunerija sospiża għal sentejn</u>** mogħtija fl-**<u>14 ta' Awwissu 2021</u>** (per Maġistrat illum Imħallef Natasha Galea Sciberras), li imbagħad ġiet estiża sat-22 ta' Marzu 2024 bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2022 (per Maġistrat Elaine Mercieca), u

    2. Dik ta' **<u>sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin</u>** mogħtija fit-**<u>22 ta' Marzu 2022</u>** (per Maġistrat Elaine Mercieca).

Fir-rigward tas-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tal-imputat min din il-Qorti diversement presjeduta fit-22 ta' Marzu 2022, il-Qorti tara li din diġà ddaħħlet fis-

seħħ permezz tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-20 ta' Settembru 2024 ("**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Schembri</u>**" deċiża mill-Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi).

Fir-rigward tas-sentenza sospiża l-oħra, l-imputazzjoni innifisha ġiet redatta b'mod illi għamlet riferenza biss għall-ordni ta' sentenza sospiża mogħtija fit-22 ta' Marzu 2022 u mhux ukoll għal dik tal-14 ta' Awwissu 2021 (li ġiet estiża permezz tas-sentenza tat-22 ta' Marzu 2022). Il-Qorti tqis illi l-ordni ta' **<u>sena priġunerija sospiża għal sentejn</u>** mogħtija fl-**<u>14 ta' Awwissu 2021</u>** (per Maġistrat illum Imħallef Natasha Galea Sciberras), għalkemm estiża kif ingħad mill-Maġistrat Elaine Mercieca fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 2022, tibqa' ordni li ngħatat f'sentenza **<u>diversa</u>** minn dik ċitata mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjoni *de quo.*.

10. Kien għalhekk li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2024 il-Qorti vverbalizzat is-segwenti:

> "Il-Qorti qegħda ex-officio ai termini tal-Art. 28D tal-Kap. 9, peress li jidhrilha illi l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, liema reat seta' ġie kommess matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-14 ta' Awwissu 2021 (per Maġistrat illum Imħallef Natasha Galea Sciberras, kif estiża permezz tas-sentenza tat-22 ta' Marzu 2022), u li dwarha din il-Qorti ma tistax titratta mal-imputat minħabba l-mod kif ġiet redatta l-imputazzjoni relattiva, qegħda tordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2024 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu, sabiex jiġi trattat fir-rigward tas-sentenza sospiża msemmija."

11. Ai termini tal-Art. 28D tal-Kap. 9 il-Qorti qieset tali verbal bħala ċitazzjoni *ad hoc* li l-imputat ġie notifikat bih għall-finijiet kollha tal-liġi.

12. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024 ġiet ippreżentata vera kopja tas-sentenza li ngħatat kontra l-imputat fl-14 ta' Awwissu 2021 minn din il-Qorti diversement presjeduta (per Maġistrat illum Imħallef Natasha Galea Sciberras), liema sentenza hija waħda definittiva. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi u l-imputat iddikjara li ma kellux provi xi jressaq dwar l-istess. Għalhekk il-Qorti **<u>tista'</u>** issa titratta mal-imputat ukoll dwar is-sentenza sospiża msemmija minkejja li din ma kienetx tirrafigura fiċ-ċitazzjoni oriġinali.

13. Għall-Qorti huwa ċar daqs il-kristall illi l-imputat, li llum għandu 58 sena u suppost għandu ċertu livell ta' kontroll fuqu nnifsu u maturità, mhux biss rema d-diversi opportunitajiet li ngħata matul is-snin sabiex ibiddel ir-rotta inkluż ordni ta' superviżjoni, iżda għadu sal-lum stess bla indiema, bla motivazzjoni u bla xewqa li jagħmel hekk. Tabilħaqq f'ċirkustanzi bħal dawn il-Qorti tara li tkun qed tonqos serjament fil-protezzjoni tal-interessi tas-soċjetà jekk ma turix ponn tal-ħadid mal-ħati ġaladarba dan ma jridx jew mhuwiex kapaċi li jirranġa.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 18, 28B, 28D, 31, 49, 50, 221(3), 284, 289 u 382A) il-Qorti issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih inkluż l-addebitu tar-reċidiva taħt l-Art. 49 tal-Kap. 9 b'dan illi l-Qorti mhux ser tapplika ż-żieda fil-piena taħt l-Art. 50 u 289 tal-Kap. 9 iżda bl-applikazzjoni tal-Art. 18 sejra tapplika l-awment ta' żewġ gradi għar-reat kontinwat u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena karċerarja ta' <u>sena</u> u qed tordna ukoll illi l-piena ta' <u>sena</u> priġunerija imposta minn din il-Qorti diversement presjeduta permezz tas-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2021 (kif estiża), liema piena kienet ġiet sospiża għal sentejn, tidħol fis-seħħ b'mod immedjat. Fir-rigward tas-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tal-imputat min din il-Qorti diversement presjeduta fit-22 ta' Marzu 2022, il-Qorti tara li din diġà ddaħħlet fis-seħħ permezz tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-20 ta' Settembru 2024. B'hekk l-imputat irid jiskonta <u>total ta' sentejn priġunerija</u>.**

**Tenut kont tad-dikjarazzjoni tal-parti offiża fl-atti, il-Qorti m'hijiex ser toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur Waqar Khaliq (KI. 258264A) għal perjodu ta' tlett (3) snin <u>mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena</u> taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-ordni imsemmija. Il-**

**Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż skond l-artikoli rilevanti tal-liġi in kwantu ma ġew maħtura l-ebda esperti u ma saret l-ebda inkjesta *in genere* in konnessjoni mal-każ.**

V.G. Axiak | Y. M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur